



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2023/0353(NLE)

22.3.2024

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (COM(2023)0580 – C9-xxxx/2024 – 2023/0353(NLE))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Silvia Modig

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali
(COM(2023)0580 – C9-xxxx/2024 – 2023/0353(NLE))**

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2023)0580),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali,
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-XXXX/2024),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0000/2024),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Qed nesperjenzaw mument storiku għall-umanità bi **kriżi akuta tal-klima u tal-bijodiversità**, rikonoxxuta bħala tali mill-Parlament fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, u għalhekk jeħtiġilna nerfgħu r-responsabbiltà tagħna u naġixxu b'urġenza. Ninsabu mdawrin b'abbundanza ta' letteratura xjentifika li tiddokumenta l-kollass tas-sistemi naturali tagħna u n-nuqqas kollettiv tagħna li naġixxu biex niproteġu dak li niddependu l-aktar minnu. Ir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES jagħtina l-aħbar terribbli li miljun speċi huma mhedda bl-estinzjoni, u ħafna jistgħu jisparixxu fi żmien ta' ftit deċennji, kollu tort tal-attività tal-bniedem. Dawn ix-xjenzati jgħidulna li 40 % tal-ambjent tal-baħar “juri impatti severi ta' degradazzjoni”. Id-WMO tgħidilna li l-2023 kienet l-aktar sena sħuna li ġiet irreġistrata fid-dinja, u s-sħana globali tal-oċeani laħqet rekord ġdid. L-IPCC jgħidilna li l-għażliet li nagħmlu issa huma kritiċi għall-futur tal-oċean tagħna, u jenfasizza l-urġenza li nagħtu prijorità lil azzjoni f'waqtha, ambizzjuża u kkoordinata biex nindirizzaw bidliet bla preċedent u dejjiema fl-oċean.

Filwaqt li l-UE hija impenjata lejn l-aġenda tal-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, imsejsa fuq żewġ pilastru: in-natura kif ukoll il-klima, id-dimensjoni internazzjonali tagħha hija wkoll ta' importanza kbira biex jiġi żgurat impetu globali ħalli tittieħed azzjoni, jiġu kkoordinati l-azzjonijiet u jiġu żviluppati sistemi ta' governanza xierqa. Kemm il-kriżi tal-bijodiversità kif ukoll dik tal-klima huma interkonnessi u huma intrinsikament globali u transkonfini, mill-kawżi ewlenin mifruxa tagħhom għall-impatti transfruntiera tagħhom. Madankollu, fl-istess ħin, din il-kriżi doppja hija wkoll deċiżament lokali. Huma l-komunitajiet kostali madwar l-Ewropa u l-bqija tad-dinja li qed jindirizzaw il-konsegwenzi ta' dan il-kollass tas-sistemi tal-oċean tagħna. Neħtieġu azzjoni fil-livelli kollha u, b'mod kruċjali, neħtieġu qafas internazzjonali biex nirregolaw u nimmaniġġjaw b'mod sostenibbli ben komuni globali – l-oċean tagħna. L-ibħra internazzjonali jikkonsistu miż-żona marittima li tinsab lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali tal-Istati, wara 200 mil nawtiku mil-linja bażi. Din iż-żona tikkostitwixxi madwar 64 % tas-superfċje tal-oċean u madwar 95 % tal-volum tal-oċean – u dan jagħmilha l-akbar habitat fil-pjaneta blu tagħna. Il-fatt li jinsabu lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali jfisser li l-ibħra internazzjonali jbatu, aktar minn fi kwalunkwe post ieħor, mit-traġedja tal-beni komuni. **Il-multilateraliżmu u l-governanza internazzjonali tal-oċeani** huma essenzjali għall-protezzjoni u l-ġestjoni b'suċċess ta' dawn il-beni komuni globali kritiċi. L-oċean għandu rwol dejjem aktar importanti għal pjaneta li diġà qed tisħon iżżejjed – is-saħħa tiegħu trid tiġi rkuprata u ma jistax jitħalla mingħajr struttura ta' governanza komuni.

It-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali, formalment magħruf bħala l-Ftehim dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Diversità bBijoloġika Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (Ftehim BBNJ), ġie konkluż fl-4 ta' Marzu 2023 fi New York u adottat mill-Partijiet tan-NU fid-19 ta' Ġunju 2023. In-negozjar ħa kważi 20 sena. It-Trattat se jkollu impatt profond fuq it-tisħiħ tal-governanza tal-oċeani. Se jagħmel dan b'mod partikolari billi jippromwovi konservazzjoni akbar tal-bijodiversità fl-ibħra internazzjonali, kif ukoll l-ekwità u l-ġustizzja tal-oċeani permezz tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament, il-bini tal-kapaċità, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-aċċess ekwu u l-kondiviżjoni tar-riżorsi ġenetiċi marini u billi jiżgura li l-interessi u l-kontribut tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali jiġu rikonoxxuti. It-Trattat jelimina ħafna lakuni ta' governanza fil-qafas tal-governanza tal-oċeani, speċjalment peress li jipprovdi mekkaniżmu għall-identifikazzjoni, l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' networks rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, mingħajr ma jdgħajjef il-mandat tal-organizzazzjonijiet kompetenti.

Se jgħin biex tintlaħaq il-**mira 30x30** tal-Qafas Globali tal-Biodiversità ta' Kunming-Montreal (li mill-anqas 30 % tal-oċean jiġi protett sal-2030) billi jipprovdi regoli u proċessi ċari dwar l-istabbiliment ta' żoni marini protetti fl-ibħra internazzjonali. Huwa wkoll essenzjali li tissaħħaħ il-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem responsabbli għad-deterjorament tal-istat tas-saħħa tal-oċean bħas-sajd eċċessiv u t-tbaħħir. Barra minn hekk, hemm bżonn li jittieħed approċċ prekawzjonarju għall-industriji emerġenti bħall-ġeoinginerija tal-baħar u l-prospett riskjuż tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, li l-Parlament appella għal moratorju fil-konfront tagħha.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-**Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA)** fi ħdan it-Trattat iżidu ferm it-trasparenza għall-attivitajiet, filwaqt li joffru qafas strateġiku għat-tisħiħ tal-evalwazzjoni u r-regolamentazzjoni kemm tal-attivitajiet attwali kif ukoll dawk futuri biex jittaffew effetti negattivi sinifikanti għall-fini tal-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar. Huwa tal-ogħla importanza li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu adottati malajr u b'mod mifruq. Il-VIA se jiżguraw skrutinju aktar olistiku tal-effetti kumulattivi ta' varji attivitajiet tal-bniedem fuq l-ekosistema. Dawn il-valutazzjonijiet se jqisu r-ramifikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u l-impatti assoċjati.

L-**ekwità** hija element ewlieni tat-Trattat BBNJ u se tkun il-muftieħ tas-suċċess globali tiegħu. It-Trattat jagħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sehem ħafna akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni tal-ftehim billi jibni l-kapaċità tagħhom f'termini ta' riċerka u żvilupp, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija marina. It-Trattat jgħin ukoll biex jiġu rimedjati l-inugwaljanzi permezz tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni ġusta tal-benefiċċji kemm monetarji kif ukoll mhux monetarji minn riżorsi ġenetiċi potenzjalment profittabbli ħafna tal-ibħra internazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' fond speċjali għall-implimentazzjoni.

Meta jitqies li l-**SDG14** huwa l-aktar Għan ta' Żvilupp Sostenibbli b'finanzjament batut, hemm bżonn ta' **finanzjament ambizzjuż** sabiex jiġi żgurat li l-għan 30 x 30 isir realtà. Huma u jiġu ddeżinjati ż-żoni marini protetti, għandhom jiġu kkunsidrati r-reġjuni li diġà jinsabu taħt ġestjoni parzjali. Eżempji ta' dan jinkludu żoni b'miżuri protettivi eżistenti, bħall-Ekosistemi Marini Vulnerabbli (VMEs) protetti mis-sajd fil-baħar fond minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) jew iż-Żoni deżinjati ta' Interess Ambjentali Partikolari (APEIs). Se jkun essenzjali wkoll li jkun hemm koordinazzjoni interna b'saħħitha fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat li t-Trattat ikun qed jiġi rispettata fil-politiki kollha tal-UE, kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni tal-UE f'fora rilevanti oħra, u jiġi evitat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat jiddgħajfu meta l-UE tinvolvi ruħha ma' korpi oħra. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar sforzi ta' **riċerka indipendenti**, mhux biss ibbażati fuq l-industrija. Peress li mill-anqas 30 korp tan-NU għandhom dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-oċean, hemm bżonn koordinazzjoni effettiva tan-NU biex jiġi żgurat li l-kunflitti ta' interess ma jfixklux l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim BBNJ.

L-UE ilha tmexxi l-isforzi għal dan it-Trattat għal kważi 20 sena, u għalhekk l-UE jeħtiġilha tiżvolġi rwol ta' tmexxija fir-**ratifika** wkoll. Billi jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehim mingħajr dewmien, qabel ma tintemm din il-leġiżlatura, il-Parlament se jibgħat sinjal qawwi li l-UE hija serja dwar l-implimentazzjoni tiegħu u hija impenjata bis-sħiħ għal dan il-ftehim importanti. Il-votazzjoni dwar din il-proċedura ta' approvazzjoni hija stadju importanti f'waqtu fil-proċess ta' ratifika. Fid-diplomazija tagħna dwar il-Patt Ekoloġiku, jeħtiġilna niżguraw li t-tmexxija tagħna tkun xprunata mill-azzjoni u li nagħtu l-eżempju t-tajjeb.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
WWF Finland
WWF EU
Greenpeace Nordic
The Finnish Association for Nature Conservation
Seas at Risk
High Seas Alliance

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

